# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru: 8**

**Citazzjoni Nru: 940/00GV**

**F. Mercieca & Sons Mobili Limited**

**vs**

**George Borg u Seaborg Company Limited**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi huma kredituri tal-konvenuti fl-ammont ta' sitt elef, seba' mija u erba' liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm6,704.45) mill-liema ammont, sitt elef, tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm6,345.69) huwa import ta' tlett kambjali (Dok. B) accettati mis-socjeta' konvenuta u r-rimanenti tlett mija, tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm358.85) huma dovuti ghal xoghol iehor li sar mill-atturi fit-Tower Palace Hotel;

U premess illi dawn il-kambjali skadew izda l-konvenuti baqghu ma hallsux;

U premess illi l-ammont l-iehor ta' tlett mija, tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm358.85) huwa bilanc ukoll dovut lill-atturi bhala prezz ta' materjal u xoghol ta' injam li sar gewwa t-Tower Palace Hotel, f'Tigne Sea Front, tas-Sliema;

U premess illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dan il-bilanc, huma baqghu inadempjenti;

U premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-atturi, l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba tal-istess atturi.

Dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Art. 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u in vista tad-disposizzjoni guramentata taghhom annessa bhala Dok. A, is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi is-somma ta' sitt elef, seba' mija u erba' liri Maltin u hamsa u erbghin centezmi (Lm6,704.45) lilhom dovut kif fuq intqal.

2. Tikkundannhom ihallsu l-imghax skond il-ligi mid-data li l-pagament ta' dan l-ammont kien dovut.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April, 2000 u tal-ittra bonarja tas-sitta (6) ta' April, 2000, kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Borg et a fol. 15 fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament George Borg personalment ma ghandu jaghti xejn lill-atturi u ghalhekk ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi bla pregudizzju tal-premess is-somma mitluba mill-atturi ma hijiex dovuta peress li x-xogholijiet inkorsi fil-bibien tal-kmamar tat-Tower Palace Hotel, Sliema ma sarux skond is-sena u l-arti, peress li huma diffettusi u l-materjal uzat mhux tal-kwalita pattwita.

3. Illi l-atturi kienu ftehmu mas-Socjeta' konvenuta li kellu jissostitwixxi dawn il-bibien pero' sal-gurnata ta' llum ma ezegwix l-obbligu tieghu.

4. Illi bla pregudizzju tal-premess l-azzjoni intavolata hija intempestiva u l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Illi s-socjeta' konvenuta qed tintavola kontra talba ma' l-eccezzjonijiet minnha intavolati biex jigi ddikjarat u deciz illi x-xogholijiet intrakorsi mis-socjeta' attrici ma kienux skond is-sena u l-arti u mhux tal-kwalita pattwita, u biex fin-nuqqas ta' otemperanza tal-obbligi tas-Socjeta' attrici jigu likwidati id-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta.

6. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghal premess is-somma kollha ma hijiex dovuta.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro talba tas-socjeta' konvenuta Seaborg Company Limited ghat-talba tas-socjeta' attrici F. Mercieca & Sons Mobili Ltd. a fol. 17 fejn esponiet illi:

Premess illi s-socjeta' konvenuta Seaborg Company Limited tat kuntratt ta' appalt lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata konsistenti f'xoghol ta' injam fosthom bibien, fit-Tower Palace Hotel, Sliema.

Premess illi dan ix-xoghol tal-injam fil-bibien ma kienx tal-kwalita pattwita, ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Premess illi l-manifattura u l-istallazzjoni ta' bibien ma hijiex skond is-sengha u l-arti u dan stante illi l-bibien qed jinfetthu u jintefhu u qed issirilhom diversi hsarat.

Premess illi l-konvenut rikonvenzjonat talab lis-socjeta' attrici diversi drabi biex issewwi jew tbiddel dawn il-bibien biex ikunu skond is-sengha u l-arti u jsiru tal-kwalita pattwita.

Premess illi l-attur rikonvenzjonat ilu jwieghed lis-socjeta' konvenuta li ser jaghmel dawk ix-xogholijiet necessarji, biex dawn il-bibien ikunu tal-kwalita pattwita u mahduma skond is-sengha u l-arti pero' baqa' inadempjenti.

Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghal ragunijiet premessi, il-konvenut rikonvenzjonat talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi x-xogholijiet tal-injam konsistenti fil-manifattura ta' bibien fit-Tower Palace Hotel, Sliema ma sarux skond is-sengha u l-arti u ma humiex tal-kwalita pattwita.

2. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat biex fi zmien qasir u perentorju jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji u opportuni fl-esekuzzjoni tal-bibien ghat-Tower Palace Hotel, Sliema liema xogholijiet ghandhom jigu ezegwiti skond is-sengha u l-arti u tal-kwalita pattwita jekk hemm bzonn taht l-opera ta' Periti nominandi.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonat jaghmel dawk ix-xogholijiet rimedjali necessarji u opportuni, fl-esekuzzjoni ta' bibien fit-Tower Palace Hotel, Sliema, skond is-sengha u l-arti taht l-opera ta' Periti nominandi u dan a spejjez tal-attur rikonvenzjonat.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat u bir-riserva ta' kull azzjoni ohra inkluza ta' danni spettanti lill-konvenut rikonvenzjonat.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi ghal-kontrotalba tal-konvenuti a fol. 20 fejn eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet rikonvenzjonali huma ghal kollox frivoli u vessatorji u ntizi unikament sabiex jintralcjaw id-drittijiet ta' l-atturi naxxenti mill-kambjali mahruga favurihom;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xogholijiet u installazzjoni ta' bibien in kwistjoni saru tal-kwalita' pattwita u skond is-sengha u l-arti tant li l-konvenuti ghal aktar minn darba regghu talbu s-servizzi ta' l-atturi.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 29;

Rat il-verbal a fol. 37 u 38 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-azzjoni kambjarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONTESTAZZJONI**

Fin-nota taghhom il-konvenuti qed jissottomettu li l-original tal-kambjali messhom gew ezebiti bhala dokumenti flimkien ma' l-att tac-citazzjoni biex l-atturi jkunu jistghu jezercitaw d-dritt taghhom ghall-hlas. Fin-nuqqas ghalhekk l-azzjoni attrici ghandha tiehu l-kors normali taghha bhala kawza ordinarja.

Il-konvenuti qed jissottomettu wkoll li l-atturi kellhom jipprotestaw l-istess kambjali ghall-hlas.

Fl-ahharnett il-konvenut George Borg issottometta li hu personali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnu u s-socjeta' attrici u li hu dejjem iffirma "*on behalf of Seaborg Co. Ltd. Tigne Sea Front.Sliema*."

Kif korrettament irrispondew l-atturi hi biss l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' ness guridiku bejn G. Borg u l-atturi li giet formalment eccepita mill-konvenuti f'dina l-kawza, id-difizi l-ohra gew proposti biss fin-nota ta' osservazzjonjiet taghhom.

**Originali tal-kambjali**

Kwantu ghall-ewwel sottomissjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' prezentata tal-originali tal-kambjali, il-Qorti tirrileva li l-konvenuti kellhom kull opportunita' li jitolbu li jaraw il-kambjali originali jew jaghmlu eccezzjoni f'dana s-sens bhal ma ghamlu fl-eccezzjonijiet l-ohra u mhux iqajjmu dina l-kwistjoni f'nota ta' osservazzjonijiet. Inoltre l-konvenut Borg fix-xhieda tieghu kkonferma u ammetta li "il-bilanc hu dovut" (ara fol. 39) ghalkemm qed ighid li kien hemm difetti fix-xoghol. Hu accetta li l-ammonti mitluba fil-kambjali ghadhom ma thallsux u dana jirrizulta wkoll mill-eccezzjonijiet tieghu li ma jsemmux li l-kambjali thallsu.

**Protest**

Il-konvenuti fin-nota taghhom issottomettew (u din ma kienitx eccezzjoni) li l-kambjali ma gewx protestati skond il-ligi. Huma ghamlu riferenza ghal artikolu 191 tal-Kap 13 li jipprovvdi li r-rifjut tal-hlas ta' kambjala ghandu jigi pruvat bi protest, li jissejjah protest ghal nuqqas ta' hlas.

Fis-sentenza Gatt vs Bartolo Vol 30 p 3 p 416 gie deciz li "Id-disposizzjoni tal-ligi li timponi l-protest tal-kambjali meta dina ma tithallasx fl-iskadenza mhiex applikabbili ghat-traent; u ghalhekk, meta l-kambjali ma hiex negozjata, it-traent m'ghandux bzonn jaghmel il-protest f'kaz ta' mankanza ta' pagament" ara wkoll sentenza "General Auto Parts Ltd vs H. Busietta" deciza fis 16/12/98 (GV). Inoltre skond id-dokument a fol. 9 il-kambjali kienu "*without protest*"

**Relazzjoni Guridika**

Fic-citazzjoni l-atturi harrku lill George Borg personalment u lill kumpanija Seaborg Co..Ltd.. L-atturi spjegaw li huma ghamlu hekk ghax George Borg personalment iffirma l-kuntratti MM1 u MM2 a fol. 6 u 7.

Fil-kaz in ezami l-azzjoni ta' l-atturi hi principalment wahda kambjarja u fuq il-kambjali George Borg iffirma ghal Seaborg Co. .Ltd. u mhux personalment.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi ghall-hlas tas-somma ta' Lm6,345.69 import ta' tlett kambjali accettati mis-socjeta' konvenuta SeaBorg Company Limited, spejjez ghas-socjeta' konvenuta;

tillibera lill konvenut George Borg personalment mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghall-atturi;

U tiddifferixxi l-kawza ghal-kontinwazzjoni tal-provi dwar it-talba ta' l-atturi ghar-rimanenti somma ta' Lm358.85 u kontro-talba tal-konvenuti SeaBorg Co. Ltd. ghall-5 ta' Dicembru, 2001.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**